Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru 594/2005

PULIZIJA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
ANTHONY ARPA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Arpa ta’ 60 sena, iben Edward (mejjet) u Mary nee’ Formosa, imwieled 11 ta’ Mejju 1945 Msida, u residenti Mary house, St. George’s Junction, San Giljan. ID 468845(M).

U huwa akkuzat talli, f’dawn il-Gzejjer nahr il-4 ta’ Lulju 2005, ghal habta tat-tmienja u nofs u hamsa ta’ fil-ghaxija (20.35hrs), gewwa Triq il-Qalliet, San Giljan:

1). Minghajr il-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti

esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta ittanta jikkaguna offiza ta' natura gravi fil-gisem ta' Christoffel Scifo Diamantino, liema delitt ma giex esegit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta' Artikoli 41, 214, 216, 217 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2). Ikkaguna feriti hfief fuq il-gisem ta' Christoffel Scifo Diamantino permzz ta' strument li jaqta u bil-ponta u dan bi ksur ta' Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3). Ikkaguna feriti hfief fuq il-gisem ta' Jeremy Cassar Torregiani u dan bi ksur ta' Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

4). Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5). Hebb kontra Christoffel Scifo Diamantino u Jeremy Cassar Torregiani sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1) (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elnkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-Verbal tat-23 ta' Mejju 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tal-kwerelant

Rat in-nota ta' l-imputat.

Ikkunsidrat:

Spettur Martin Sammut (a fol.9 et seq.), l-Ufficjal Prosekutur ddepona illi fl-4 ta' Lulju 2005, PS 78 Cremona informah bi glieda li kienet inqaghlet bejn l-imputat u z-zewg kwerelanti in segwitu ta' kollizzjoni tal-vetturi taghhom. Il-kwerelant Jeremy Cassar Torreggiani allega illi l-argument inqala' wara li l-imputat rrifjuta illi jimla formula 'bumper to bumper u agredixxa lil kwerelant Cassar Torreggiani u Christoffer Scifo Diamantino b'tornavit. It-tlett persuni garrbu griehi ta' natura hafifa.

Spettur Martin Sammut xhed illi Cassar Torreggiani informah illi waqt li kien qed jaghmel il-manuvra ta' parkegg, laqghat il-karozza ta' Arpa u avolja ma kien jidher ebda hsara, Arpa qallu li kien faqaghlu quddiem u beda jinsisti li jgibu l-Pulizija. Cassar Torreggiani sostna li kellhom kollizzjoni bumper to bumper u nqala argument. Arpa hareg b'tornavit f'idejh u beda joffendi lill-kwerelant li offendieh lura bl-istess mod. F'daqqa wahda l-imputat Arpa ta' daqqa ta' sieq f'dahar Scifo Diamantino u kif Diamantino dahar, Arpa tah daqqa bit-tornavit go drieghu. Diamantino qabdu minn ghonqu, waqt li l-imputat tah daqqa go zaqqu bit-tornavit u Cassar Torreggiani hataf it-tornavit minn idejn Arpa li dahar ghal fuqu u gidmu go dahru.

Cassar Torreggiani lemah "spanner" kbir fil-karozza ta' Arpa u zammu fil-pussess tieghu sabiex jigu evitati aktar konsegwenzi.

Sussegwentement waslu l-Wardens u l-Pulizija u l-kwerelanti ntbaghtu l-isptar ghal kura.

Illi n-nuccali ta' Arpa u l-mobile phone tieghu, kif ukoll it-tornavit u l-ispanner gew irritornati lill-imputat u lil Pulizija meta dawn wasslu fuq il-post.

Spettur Sammut xhed illi skond l-imputat Arpa, wara li sehhet il-kollizzjoni, x-xufier tal-karozza l-ohra (Cassar Torreggiani) kien ser jibqa' jsuq ghaliex deherlu illi ma kien hemm ebda hsara fuq il-karozzi involuti, izda l-imputat insista ghal prezenza tal-Pulizija. L-imputat haseb illi Cassar Torreggiani xorta wahda kien ser isuq minn fuq

il-post u allura avvicina l-karozza tieghu sabiex ikun jista' jnizzel in-numru ta' registrazzjoni tal-karozza l-ohra. **F'dan il-mument l-imputat stqarr li Scifo Diamantino tah daqqa ta' ponn f'wiccu, laqtu f'xufftejh u waqqalu n-nuccali ma' l-art.** Illi hawnhekk ra lil Cassar Torreggiani gej ghal fuqu wkoll u ghaldaqstant qabad tornavit minn fost l-ghodda li kellu fil-karozza sabiex jiddefendi ruhu, izda dawn xorta baqghu jaggreduh tant li Scifo Diamantino qabbdu minn ghonqu, beda jatih b'irkobbtu sakemm waqqghu (Arpa) ma l-art, filwaqt li Torreggiani baqa' jatih bis-sieq u bil-ponn. Arpa stqarr illi kien gidem lil Diamantino fi sforz sabiex jehles lilu nniffsu minn taht idejh u li Cassar Torreggiani hadlu t-tornavit u mar jigbor l-ispanner mill-karozza ta' Arpa. Arpa baqa' jinsisti illi huwa ma sawwat lil hadd bit-tornavit u li l-griehi fuq il-kwerelanti setghu graw meta waqghu ma' l-art flimkien. (ara stqarrija Dok.MS)

Spettur Sammut ezebixxa ritratti Dok.MS1 sa Dok.MS13 li juru l-griehi ta' l-imputat Arpa, certifikat mediku Dok.MS18 ta' Diamantino u Dok.MS19, certifikat mediku ta' Cassar Torreggiani illi t-tnejn jelenkaw griehi ta' natura hafifa.

PS 78 Joseph Cremona, ikkonferma x-xhieda ta' l-Ispettur Sammut u ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS a fol.34. Cremona kkonferma li l-imputat **qallu li l-kwerelanti kienu aggredewh izda ma qallux kif.** Ikkonferma wkoll illi Diamantino kellu gerha fuq zaqqu-"Toqba".

Jeremy Cassar Torreggiani kkonferma d-dettalji ta' l-incident kif spjegat mill-Ispettur Sammut fl-istadju meta kienu qeghdin jitmexxu proceduri kriminali kontra tieghu. Cassar Torreggiani xhed illi kif huwa resaq fuq il-karozza tieghu sabiex johrog formola ta' kollizzjoni "bumper to bumper", l-imputat qabad tornavit u heddet lilu u lil Diamantino bil-kliem:

> *"Jekk xi hadd imexxi l-karozza inweggakom."*

Cassar Torreggiani xhed illi cemplu ghall-assistenza tal-Pulizija u li sakemm dawn wasslu fuq il-post, l-imputat

beda jindirizzahom bi kliem baxx u jheddidhom. Cassar Torreggiani xhed illi huwa u siehbu rrispondew bl-istess manjiera. Cassar Torreggiani kkonferma li l-imputat ta daqqa ta’ sieq lil siehbi, li hebb ghal Diamantino, b’tornavit u laqtu bi drieghu.

L-imputat Arpa baqa’ jxejjer b’dan it-tornavit u fil-fatt Diamantino ntlaqat bit-tornavit f’zaqqu u f’saqajh u beda jghajjat ghall-ghajjut. Cassar Torreggiani mar fuq Arpa sabiex izommlu jdejh u jipprova jehodlu t-tornavit u ntlaqghat huwa stess bit-tornavit taht spallejh pero rnexxilu jiehu l-pussess tat-tornavit. **Kif ghamel dan, l-imputat Arpa, gidmu fuq daharu.** Diamantino f’dan il-mument qabad lil Arpa minn ghonqu sabiex irazznu waqt li Cassar Torreggiani mar jigbor l-ghodda illi kien hemm fil-karozza ta’ Arpa sabiex jiskansa konsegwenzi aktar serji. Illi f’dan il-mument gew il-Pulizija u Cassar Torreggiani ghadda t-tornavit u l-ispanner lil Pulizija mbaghad marru jiddewwew l-Isptar.

In kontro ezami, Cassar Torreggiani jinnega illi huwa kkawza xi sfregu f’wicc l-imputat u sostna illi l-griehi li seta’ soffra l-imputat, Arpa graw fl-scuffle. Cassar Torreggiani xhed illi l-glieda damet bejn tnejn u hames minuti.

Christoffel Scifo Diamantino (a fol.48 et seq.) ikkonferma d-dettalji tal-glieda moghtija minn Cassar Torreggiani. Ikkonferma illi huwa ndahal sabiex jikkalma s-sitwazzjoni fl-isfond ta’ abbuz verbali da parti ta’ Arpa, li f’dan l-istadju kien cempel ghall-Pulizija u meta kellu dahru lejn Arpa, dan tah daqqa ta’ sieq fil-warrani tieghu u li kif dahar, l-imputat tah daqqa ta’ tornavit u li t-tornavit laqtet lil dirajh ghaliex ipprova jiddefendi ruhu. Scifo Diamantino xhed illi huwa pprova jizbilancja lil Arpa u jwaqqghu ma’ l-art il-ghaliex huwa baqa’ jxejjer bit-tornavit, vicin ta’ wiccu, waqt li Diamantino beda jghajjat lil Cassar Torreggiani sabiex jehodlu t-tornavit minn idejh. Hekk sar u Diamantino baqa’ jindirizza lil Arpa u jghidlu sabiex jikkalma ruhu. Li f’dan il-mument, Arpa beda jilmenta li tilef il-mobile u Diamantino telqu, gabar il-mobile tieghu u nformah illi kien ippreparat li jghaddihulu kemm-il darba jikkalma ruhu. **Diamantino**

**xhed ukoll illi n-nuccali ta' l-imputat kien fil-karozza tieghu.** Scifo Diamantino kkonferma c-certifikat mediku tieghu u l-ghodda li ntuzat fl-incident ezebit fl-atti. Ikkonferma wkoll illi Arpa lghaqtu bit-tornavit, f'zaqqu, f'dirajh u f'saqajh. Ikkonferma wkoll illi l-imputat gidmu f'wiccu u ezebixxa Dok.SD. Diamantino kkonferma illi Arpa beda jheddu u jinsolentah bil-familja. Muri Dok.MS6, Diamantino xhed illi ma jafx kif sehhew il-griehi fuq Arpa, jaf illi kien hemm "struggle" u li l-grif setghu graw meta kienu ma' l-art. Diamantino kkonferma illi huwa kellu jaqbad lil Arpa fi "headlock" sabiex irazzu u jwaqqfu milli jkompli jxejjer bit-turnavit. Diamantino xhed illi huwa ghandu 'rugby' bhala sports.

PS 1244 Nikolai Sant ikkonferma illi huwa gie msejjah fuq glieda li sehhet fi Triq il-Qaliet u Trejqet San Gorg, f'San Giljan, flimkien mal-kollega Surgent 78 u li kkonferma x-xhieda ta' PS 78.

Dr. Portelli Demaio kkonferma certifikat Dok.CT a fol.47, kklassifika l-griehi ta' natura hafifa, izda minhabba ferita li deherlu li kienet penetranti deherlu illi din setghet kienet ta' natura gravi u kien ghaldaqstant illi kkwalifika c-certifikat tieghu bil-kliem: "Save complications." A fol.65, Dr. Portelli Demaio kkonferma illi ma sehhux dawn il-komplikazzjonijiet.

Dr. Ron Borg ikkonferma c-certifikati medici Dok.MS18 u Dok.MS19 u kklasifika dawn il-griehi bhala dawk ta' natura hafifa, kif ghamel Dr. Paul Mangion a fol.71 fil-rigward ta' Dok.PM

Spettur Martin Sammut a fol.84 ipprezenta sentenza fis-6 ta' Ottubru 2005 kontra l-kwerelanti fejn gew liberati minn kull akkuza stante legittima difeza. (ara Dok.X a fol.85)

PS 1492 Joseph Pace kkonferma l-istqarrija ta' l-imputat, Anthony Arpa.

PS 1244 Nikolai Sant ikkonferma x-xhieda precendenti tieghu u l-fatt li l-imputat qallu li kien qabad it-tornavit sabiex jiddefendi ruhu.

L-imputat, Anthony Arpa, ta t-testimonjanza tieghu a fol.116. Xhed illi l-incident li ta bidu ghal-serje ta' cirkustanzi f'dan il-kaz, kien "Incident zghir u spicca kif spicca ghax dan konnha ghajjenin wara xulxin, mexjin u kont kwazi wasalt id-dar." Arpa xhed illi hu kif ukoll il-kwerelanti kienu qeghdin iffitxu 'parking space' u l-kwerelanti sabu post u hu stenna sakemm issir il-manuvra tal-parking. Illi l-kwerelant, Cassar Torreggiani, li kien qed isuq il-karozza ta' quddiem, habat fih, nizel mill-karozza, nspezzjoni l-karozza tieghu, "U qabad ha jsuq qalli ghax ma ghandek xejn, qalli taghmel ghageb ghandek hmieg ta' karozza." Arpa xhed illi huwa sostna illi kellhom jigu l-Pulizija fuq il-post, waqt li Cassar Torreggiani ried isuq 'l hemm u nqabad argument zghir. L-imputat xhed illi kif ra lil Cassar Torreggiani ser jitlaq, dahal fil-karozza biex jikteb in-numru ta' registrazzjoni.

*"F'daqqa wahda hareg is-sur Diamantino…qabad dan…hin minnhom mill-windscreen hekk nara lis-sur Diamantino jdur 'l hawn u l-iehor idur 'l hawn u jiena kont qieghed bil-bieba miftuha…is-sur Diamantino tani daqqa bil-bieba u habbatli rasi mas-saqaf tal-karozza, waqajt fejn il-karozza fejn is-seat tieghi…"*

Muri r-ritratti Dok.MS1 sa Dok.MS13, kkonferma l-griehi tieghu. Mistoqsi mill-Qorti dwar xi daqqa ta' ponn li seta' qala' Arpa rrisponda:

*"Habbatli rasi ma' hawn u qasamieli mal-hgiega…"*

L-imputat xhed illi kif pprova jqum minn ma' l-art, ra tornavit illi kien qieghed: *"Fuq is-seat, fl-art fejn is-seat"* (fol.118), qabad it-tornavit sabiex jiddefendi ruhu u jipprova jbezzaghhom. Arpa jghid li Diamantino qabbdu minn ghonqu, tah daqqa ta' ponn, qatghu minn saqajh, bdew jissaraw u meta kien hu bil-qeghda fuqu, Cassar Torreggiani hataflu t-tornavit minn idu, *"B'irkubbtejh jafasni…fuq il-kustilji,"* tant illi haseb illi kellu ksur fil-kustilji tieghu. Arpa xhed illi Diamantino zammu f' 'headlock' u baqa jatih fuq genbu. L-imputat, Arpa, xhed illi ma jafx illi

laqat lil xi hadd bit-tornavit direttament. Arpa xhed illi fuq il-kwerelanti ma ra ebda daqqa jew dmiegha izda hu kellu diversi griehi kif jidher fir-ritratti Dok.MS1 sa Dok.MS13

*“Nista’ nghid punt zghir, punt li qed jghid dan il-kawza meta gralna l-ohra tkellimha fuq fuq, hfirtilhom mill-ewwel u lanqas ritratti ma ra l-Magistrat li kien xejn, xejn ma ra ritratti tad-daqqiet.”*

Mitlub mill-Qorti ghal darb’ohra sabiex jikkonferma hafirx lil kwerelanti, l-imputat jerga’ jasserixxi illi hafer lil kwerelanti (ara xhieda fol.119).

Arpa jikkonferma li l-glieda damet bejn hamsa u seba’ minuti u cioe sakemm ghajjew. Arpa xhed li Diamantino gabar il-mobile tieghu u beda jinkieh bih qabel ma raddulu lura. Ghal rigward tal-habta, l-imputat sostna li l-karozza tieghu kienet sfat danneggiata u li l-kwerelanti ma riedu jimlew ebda karta. Illi l-habta grat meta Cassar Torreggiani rriversa ghal fuqu. L-imputat, a fol.122 xhed illi huwa qabad it-tornavit il-ghaliex il-kwerelanti ccirkondawh u wiehed minnhom, ghal xejn b’xejn, tah daqqa ta’ ponn. **Apparti minn hekk habbatlu rasu ma’ l-art** u kien biss li wara li qam minn ma’ l-art li qabad it-tornavit. L-imputat Arpa xhed illi huwa kien qed jghid il-verita’ kollha u li huwa qatt ma kien ra l-kwerelanti qabel dakinhar.

In kontro ezami, l-imputat ammetta li d-danni sofferti minnu kienu zghar u li l-ghodda kien hallihom fil-karozza minhabba illi kien sar xi xoghol fuq il-batterija tal-karozza tieghu. L-imputat jinnega illi quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, huwa wera lil Magistrat, il-manjiera ta’ kif huwa beda jati daqqiet bit-tornavit lil kwerelanti. In kontro ezami l-imputat sostna illi l-feriti f’rasu graw meta l-kwerelant habbatlu rasu max-xifer tas-saqaf tal-karozza u kompla jsostna li huwa ma ta daqqiet lil hadd u li l-griehi tal-kwerelanti setghu graw meta kienu qeghdin jissaraw ma’ l-art. **Arpa xhed illi kif Cassar Torreggiani ha t-tornavit f’idejh, ma sawwtux bih izda mar ifittex ghall-iktar ghodda fil-karozza tieghu (ta’ Arpa).**

Ikkunsidrat:

Illi mill-kumulu ta’ provi migjuba a kondizzjoni ta’ din il-Qorti, l-istess Qorti hi tal-fehma li dan huwa kaz klassiku ta’ ‘road rage’ fejn sewwieq, ghajjien wara gurnata xoghol, jifferocja u jitlef il-kontroll fuq nuqqas zghir, xi minn daqqiet anke insignifikanti, ta’ sewwieq iehor jew ta’ ‘pedestrian’.

Illi l-kaz in ezami jirrigwarda argument illi malajr iddegenera ghal glieda fizika, in segwitu ta’ kollizzjoni fejn id-danni kienu ta’ entita’ zghira hafna. Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi l-agir sproporjonat, anke feroci ta’ l-imputat kien kawza ta’ dan it-tip ta’ ‘road rage’ u li l-imputat mikejja illi l-agir tieghu konsistenti f’tixjir ta’ tornavit fil-prezenza ta’ zewg zghazagh ma kienx intiz b’intenzjoni specifika illi jikkawza griehi izda aktar f’sens ta’ disperazzjoni meta gie kkuntrarjat ghat-talba tieghu ghall-prezenza tal-Pulizija fuq kollizzjoni ta’ entita’ minima.

Illi l-Qorti taghraf illi l-imputat huwa persuna li jinkorla malajr, u dan l-istat ta’ fatt qieghed jigi asserit wara li l-Qorti kellha l-opportunita’ li tevalwa l-manjieri u l-agir ta’ l-imputat, fil-mori tal-kawza, kif ukoll fil-pedana tax-xhieda. In oltre l-Qorti hi tal-fehma illi s-segwenza tal-fatti kif moghtija mill-kwerelanti hija dik li ghandha s-sewwa u ghandha tigi akkoljata. Dan qieghed jinghad il-ghaliex ix-xhieda ta’ l-imputat hija mzewwqa, b’inkonsistenzi serji u ripetuti, fosthom per ezempju, l-manjiera ta’ kif sehhew il-griehi ta’ l-imputat fejn fl-istqarrija Dok.MS a fol.21, l-imputat jasserixxi illi Diamantino tah daqqa ta’ ponn u laqtu f’wiccu u habbatlu rasu ma’ l-art, hdejn il-karozza, waqt li fix-xhieda tieghu, fl-examination in chief, l-imputat izewwaq din il-grajja b’daqqa ta’ bieba da parti ta’ Diamantino fejn l-imputat habat rasu mas-saqaf tal-karozza. Illi din il-grajja “regghat inbiddlet fil-kontro ezami.”

In oltre, din il-Qorti temmen illi l-imputat qabad it-tornavit mhux bhala legittima difeza (kif qed jigi sostnut anke fin-nota ta’ sottomissjonijiet tad-Difiza) izda bhala instrument minaccanti sabiex ibezza u jgieghel lil kwerelanti jaghmlu dak li jrid hu.

Illi din il-Qorti tinstghab konfortata wkoll bis-sentenza tal-Magistrat Dr. Silvio Meli, Dok.X a fol.85, fejn dik il-Qorti lliberat liz-zewg kwerelanti u ddikjarat illi l-kwerelanti:

*“Kienu legittimament qed jiddefendu lilhom infushom”*

Illi l-istqarrija ta’ l-imputat fix-xhieda tieghu, quddiem din il-Qorti, li huwa hafer liz-zewg kwerelanti, f’dawk il-proceduri, hija rrizorja ghall-ahhar.

Illi x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u mill-Parti Leza lahqet il-livell probatorja kif rikjest fil-kamp kriminali ghal dawn li jirrigwarda feriti ta’ natura hafifa fuq iz-zewg kwerelanti permezz ta’ l-istrument indikat fic-citazzjoni. Il-Prosekuzzjoni pprovat sal-grad rikwest ukoll, bil-ksur tal-buon ordni u tal-paci pubblika, bl-ingurja da parti ta’ l-imputat fil-konfront tal-kwerelanti.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat, Anthony Arpa, mhux hati ta’ l-ewwel (1) akkuza, hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) akkuza u wara li rat Artikoli 221(1) (2) 217, 338(dd), 339(1)(dd), 28A tikkundanna lill-imputat ghal hames xhur prigunerija sospizi ghall-erba’ (4) snin.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ avanzata ta’ l-imputat u l-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------